**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

P9_TA(2022)0027

# Programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Frar 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (Thunnus thynnus) u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 640/2010 (COM(2020)0670 – C9-0336/2020 – 2020/0302(COD))** [1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2022/C 342/31)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT qed jiġu emendati ta' spiss mill-PKK tal-ICCAT u x'aktarx li se jiġu emendati ulterjorment fil-futur. Għalhekk, sabiex l-emendi futuri għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jiġu inkorporati malajr fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ***tal-aspetti li ġejjin: mandatory use of eBCD and BCD, rules of Grouped BCD***, ***validations of the BCD and eBCD***, ***derogation deadline for tagging information in relation to minimum size under the Regulation*** (***EU***) 20../.. [1]; ir-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u tal-kummerċ sussegwenti fis-sistema eBCD, l-informazzjoni dwar il-validazzjoni u l-punti ta' kuntatt, l-informazzjoni dwar id-dokumenti tal-BCD jew l-eBCD stampat, id-dati tar-rapportar ipprovduti, kif ukoll ***ir-referenzi għall-Annessi tar-Rakkomandazzjonijiet*** tal-ICCAT. | (6) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT qed jiġu emendati ta' spiss mill-PKK tal-ICCAT u x'aktarx li se jiġu emendati ulterjorment fil-futur. Għalhekk, sabiex l-emendi futuri għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jiġu inkorporati malajr fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ***tal-emendar ta' dan ir-Regolament rigward l-użu obbligatorju tal-eBCD u l-BCD***, ***ir-regoli tal-BCD Raggruppat***, ***il-validazzjonijiet tal-BCD u l-eBCD, l-iskadenza tad-deroga għat-tikkettar tal-informazzjoni b'rabta mad-daqs minimu skont ir-Regolament*** (***UE***) 20../.. [1]***;*** ir-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u tal-kummerċ sussegwenti fis-sistema eBCD, l-informazzjoni dwar il-validazzjoni u l-punti ta' kuntatt, l-informazzjoni dwar id-dokumenti tal-BCD jew l-eBCD stampat, id-dati tar-rapportar ipprovduti, kif ukoll ***l-inklużjoni f'dan ir-Regolament tal-annessi tar-Rakkomandazzjonijiet*** tal-ICCAT ***elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, u b'emendi sussegwenti għal dawk l-annessi***. |

[1] Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …..20.. li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627.

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0172/2021).

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "BCD" tfisser dokument dwar il-qbid tat-tonn kif previst fil-format ***mogħti fl-Anness 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT [18-13]***; | 1. "BCD" tfisser dokument dwar il-qbid tat-tonn kif previst fil-format ***imsemmi fil-punt 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament***; |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. BCD ivvalidat għandu jinkludi, kif ikun xieraq, l-informazzjoni ***stabbilita fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT [18-13]***. L-istruzzjonijiet dwar il-ħruġ, in-numerazzjoni, il-mili, u l-validazzjoni tad-dokument tal-qbid huma ***stabbiliti fl-Anness*** 3 ***tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT [18-13]***. | 6. BCD ivvalidat għandu jinkludi, kif ikun xieraq, l-informazzjoni ***msemmija fil-punt 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament***. L-istruzzjonijiet dwar il-ħruġ, in-numerazzjoni, il-mili, u l-validazzjoni tad-dokument tal-qbid huma ***msemmija fil-punt*** 3 ***tal-Anness ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-BFTRC ivvalidat għandu jinkludi l-informazzjoni ***stabbilita fl-Annessi*** 4 u 5 ***tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT [18-13]***. | 3. Il-BFTRC ivvalidat għandu jinkludi l-informazzjoni ***msemmija fil-punti*** 4 u 5 ***tal-Anness ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) bħala riżerva fil-każ limitat li jinqalgħu diffikultajiet tekniċi fis-sistema li jipprekludu Stat Membru milli juża s-sistema tal-eBCD, skont il-proċeduri ***kif stabbiliti fl-Anness 3 tar-Rakkomandazzjoni ICCAT [18-12]***. Id-dewmien min-naħa tal-Istati Membri biex jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, bħall-forniment tad-data meħtieġa biex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni tal-utenti fis-sistema tal-eBCD jew sitwazzjonijiet oħrajn li jistgħu jiġu evitati, ma jikkostitwixxux diffikultà teknika aċċettabbli; | (c) bħala riżerva fil-każ limitat li jinqalgħu diffikultajiet tekniċi fis-sistema li jipprekludu Stat Membru milli juża s-sistema tal-eBCD, skont il-proċeduri ***msemmija fil-punt 6 tal-Anness ta' dan ir-Regolament***. Id-dewmien min-naħa tal-Istati Membri biex jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, bħall-forniment tad-data meħtieġa biex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni tal-utenti fis-sistema tal-eBCD jew sitwazzjonijiet oħrajn li jistgħu jiġu evitati, ma jikkostitwixxux diffikultà teknika aċċettabbli; |

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-15 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport li jinkludi l-informazzjoni ***deskritta fl-Anness 6 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT [18-13]***, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. | 1. Sal-15 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport li jinkludi l-informazzjoni ***msemmija fil-punt 7 tal-Anness ta' dan ir-Regolament***, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapporti ġġenerati mis-sistema tal-eBCD għandhom jintużaw biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar annwali. Fir-rapport annwali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-elementi ***deskritti fl-Anness 6 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT [18-13]*** li ma jistgħux jiġu prodotti mis-sistema tal-eBCD. | 2. Ir-rapporti ġġenerati mis-sistema tal-eBCD għandhom jintużaw biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar annwali. Fir-rapport annwali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-elementi ***msemmija fil-punt 7 tal-Anness ta' dan ir-Regolament*** li ma jistgħux jiġu prodotti mis-sistema tal-eBCD. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, sa … [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], att delegat f'konformità mal-Artikolu 15 li jissupplementa dan ir-Regolament bid-dispożizzjonijiet tal-Annessi tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 biex temenda sussegwentement dak l-att delegat.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) referenzi għall-Annessi tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT kif previst fl-Artikolu 2(1), l-Artikolu 4(6); l-Artikolu 8(3); l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 13(1) u (2).*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Anness (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Anness*** |
| | ***(1) Il-format tal-BCD stabbilit fl-Anness 2 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, kif imsemmi fil-punt 1 tal-Artikolu 2;*** |
| | ***(2) l-informazzjoni stabbilita fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(6);*** |
| | ***(3) l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness 3 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, kif imsemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(6);*** |
| | ***(4) l-informazzjoni stabbilita fl-Anness 4 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, kif imsemmi fl-Artikolu 8(3);*** |
| | ***(5) l-informazzjoni stabbilita fl-Anness 5 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, kif imsemmi fl-Artikolu 8(3);*** |
| | ***(6) Il-proċeduri stabbiliti fl-Anness 3 tar-Rakkomandazzjoni 18-12 tal-ICCAT, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), punt c);*** |
| | ***(7) l-informazzjoni stabbilita fl-Anness 6 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) u (2).*** |